MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 74/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Doreen Aquilina li b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2009 gew nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenut assenti C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat civilment fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn (22.06.2000), u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok. A.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, tant li z-zwieg kanoniku li gie ccelebrat bejn il-partijiet nhar l-erbatax (14) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) u cioe' ftit wara z-zwieg civili de quo, diga' gie dikjarat null mit-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta, b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi inoltre, il-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg civili de quo fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn esklussivament sabiex l-intimat C B ikun jista' jakkwista l-freedom of movement u jahdem f'Malta, tant li l-partijiet ma bdewx jghixu ta' mizzewgin hlief wara li ccelebraw iz-zwieg kanoniku bejniethom izjed tard.

Ragunijiet Ghat-Talba

Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex iz-zwieg civili bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett skond il-provvedimenti tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn (22.06.2000), huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) tal-Att XXXVII tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li sa minn issa jibqa' ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati fejn dawn eccepew:

Illi f'dan l-istadju, huma mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri u dan meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdi kull informazzjoni dwar mezzi ta' komunikazzjoni mal-istess assenti.

Ikkunsidrat illi l-procedura odjerna tirrizulta mis-sitwazzjoni pjuttost insolita fejn zwieg kanoniku gie celebrat f'jum differenti miz-zwieg civili. Ghalhekk kellhom isiru proceduri separati.

Iz-zwieg kanoniku gie dikjarat null u kopja ta' din is-sentenza hija esebita in atti. Galadarba l-kawzali ghaz-zewg proceduri hija identika, il-Qorti hi tal-fehma li l-materja giet estensivament studjata f'dawk il-proceduri kanonici u l-Qorti tqis li t-talbiet attrici huma pruvati ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti wkoll.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Gunju 2000 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------